# Il-Lista tal-Griżma tal-Isqof tal-1556 f'Ħaż-Żebbuġ

*Victor Bonnici*

Fis-seklu sittax, il-Griżma tal-Isqof ma kinitx appuntament annwali bħal ma nafuh illum, meta l-Isqof ta' kull sena jiġi fir-raħal tagħna u jamministra dan is-sagrament fil-knisja parrokkjali. Għall-kuntrarju, kienu jgħaddu s-snin – ġieli wkoll snin twal – bejn żjara u oħra, bil-konsegwenza li n-numru ta' dawk li jirċievu l-Griżma kien ikun ferm kbir u ta' etajiet differenti. Ir-raġuni prinċipali kienet li, għall-inqas sal-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, l-isqof ta' Malta ma kienx ikun residenti fid-djoċesi,[1] u billi l-Vigarju Ġenerali tiegħu ma kienx ikollu l-poter sħiħ tal-*cura animarum*,[2] fosthom is-setgħa li jagħti l-Griżma, il-fidili nsara kienu, bla ebda tort tagħhom, jiġu mċaħħda milli jirċievu 'dik id-dilka spiritwali li tikkonferma u tqawwi l-grazzja tal-magħmudija'.[3] Tant il-poplu kien ħerqan għal dan is-sagrament, li darba, fl-1528, waqt li f'Malta kien hawn Alberto de Nasis, isqof ta' Nicopolis, li kien intbagħat Malta mill-Metropolitan ta' Palermo sabiex jiddeċiedi kwistjoni ta' preċedenza bejn il-Vigarju Ġenerali u l-Kapitlu tal-Katidral, l-Università tal-Mdina talbitu bil-ħniena sabiex jamministra l-Griżma fil-gżira – talba li huwa laqa' u fil-fatt wettaq, iżda ma nafux fejn, min u kemm kienu dawk li rċevewha.[4]

Mal-ħatra tal-isqof Domenico Cubelles (1541-1566), is-sitwazzjoni nbidlet, billi minn hawn 'il quddiem, ħlief għal xi okkażjoniet fejn l-isqof kien ikun imsiefer jew fejn is-sede episkopali kienet tkun vakanti, l-isqof kien kontinwament residenti f'Malta. Biss xorta baqa' l-fatt li minkejja d-distanzi qosra bejn l-ibliet u l-irħula, drabi minħabba l-inkonvenjenza tal-isqof, drabi minħabba l-pesta, drabi oħra l-biża' tal-ħbit tal-għadu, jew xi skuża oħra, il-Griżma baqgħet issir b'mod irregolari, u ġeneralment fiż-Żjara Pastorali li l-isqof kien kull tant snin jagħmel fil-parroċċi tad-djoċesi tiegħu.[5]



*PA Zbg, B1. L-ewwel folja tal-lista ta' dawk li rċevew il-Griżma tal-Isqof nhar l-10 ta' Mejju 1556.*

**Il-lista tal-Konfirmazzjoni tal-1556**

L-ewwel lista tal-Griżma tal-Isqof li għandha l-parroċċa tagħna tmur lura għall-10 ta' Mejju 1556, jumejn qabel il-festa ta' San Filep, meta l-isqof Cubelles, waqt żjara fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ,[6] amministra l-Griżma lil 329 ruħ – 164 subien u 165 bniet. Dan in-numru kbir ta' konfirmati mqabbel mal-popolazzjoni tar-raħal f'dak iż-żmien,[7] juri li l-Griżma kienet ilha ma ssir tal-inqas tliet snin, jekk mhux aktar – ukoll billi xi missirijiet jidhru jippreżentaw żewġt u anke tlitt itfal għall-Griżma. Din il-lista għalhekk tindika li l-konfirmati kienu jkunu ta' etajiet differenti, u li l-età li fiha kienet tingħata l-Griżma kienet l-għatba tal-adolexxenza;[8] tant hu hekk, li 13-il bniet huma mniżżla diġà miżżewwġa (l-età minima taż-żwieġ għas-sess femminili kienet ta' 12-il sena).

Din il-lista tinsab miktuba bit-Taljan u l-Latin fuq tmien faċċati (folji 103r-107r) fl-ewwel reġistru tal-Parroċċa mibdi fl-1550 mill-Kappillan Dun Gioseppe Manduca, liema reġistru jinkludi wkoll il-listi tal-magħmudijiet, taż-żwiġijiet u tal-imwiet.[9] Żewġ kitbiet jintroduċu din il-lista. L-ewwel waħda tgħid li f'din il-parti tar-reġistru qed jitniżżlu dawk kollha li ġew ikkonfirmati sa mill-1556; it-tieni waħda tgħid li fl-10 ta' Mejju tal-1556, waqt żjara fil-knisja parrokkjali ta' *Villa Zebug*, magħmula mill-Isqof Fra Domenico Cubelles, isqof ta' Malta, il-persuni mniżżla fil-lista segwenti ġew mogħtija l-Griżma.

Il-lista hi maqsuma fi tnejn: fuq ix-xellug hemm l-isem u l-kunjom tal-konfirmat, isem missieru (sfortunatament, xi drabi nieqes; isem ommu jew ommha mkien) u fuq il-lemin l-isem u l-kunjom tal-parrinu;[10] in-nisa miżżewġa, issa li ħarġu minn taħt is-setgħa ta' missierhom, għandhom l-isem tar-raġel tagħhom.[11] Skont studju tar-reġistri parrokkjali f'Malta, Joseph Grech, li eżamina l-arkivji tal-parroċċi f'Malta, jgħid li din hi l-eqdem lista ta' Griżma tal-Isqof li għadha teżisti f'Malta.[12]

Din il-lista tal-1556 hija importanti għax tagħtina wħud mill-ismijiet taż-Żebbuġin qabel l-1550 – is-sena li l-parroċċa bdiet tirrekordja t-twelid tal-parruċċani, u li isimhom, allura, ma jidhirx fil-lista tal-magħmudija billi t-twelid tagħhom kien xi 10 sa 13-il sena qabel din l-amministrazzjoni tal-Griżma, jiġifieri, għall-ħabta tal-1543 u l-1546. Ukoll, billi wħud mill-konfirmati għandhom l-isem ta' missierhom u tal-parrinu magħdud magħhom, li jappartjenu għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' qabel, għandna għaldaqstant lista sabiħa ta' wħud minn dawk li għammru f'dan ir-raħal fiż-żmien il-wasla tal-Ordni fl-1530, jekk mhux ukoll qabel. Il-frekwenza tal-kunjomijiet u x-xejra tal-ismijiet mogħtija lill-ulied jistgħu jkunu t-tluq għall-istudju taċ-ċaqliq soċjali li għadda

minnu dan ir-raħal f'dan iż-żmien tant importanti għall-istorja ta' Malta.

**L-għan tal-Lista**

Il-ħtieġa ta' dawn il-listi bdiet tinħass billi l-Knisja kienet tgħallem li affinità jew għaqda spiritwali kienet tinħoloq bejn, minn naħa l-waħda, il-konfirmat u l-qraba l-aktar viċini tiegħu fid-demm, u min-naħa l-oħra mal-parrinu tiegħu fil-Griżma; u wkoll sabiex tiġi evitata l-probabbiltà ta' xi żwieġ inċestuż fil-futur, bil-konsegwenzi koroh ta' annullament jew ħajja mgħixha fi stat ta' dnub, il-Knisja bdiet teżiġi li dawn il-listi jinżammu bir-reqqa sabiex, jekk ikun hemm xi dubju 'l quddiem, ikunu jistgħu jiġu kkonsultati.[13] F'raħal prattikament żgħir, bħal Ħaż-Żebbuġ, fejn l-għażla tas-sieħeb jew sieħba fiż-żwieġ kien limitat, l-importanza ta' dawn il-listi kienet kbira, l-iżjed meta l-affinità spiritwali, qabel il-Konċilju ta' Trentu, kienet iżjed mifruxa fil-gradi. Din il-biża, naħseb jien, hija r-raġuni li n-numru ta' parrini huwa tant ċkejken (40 b'kollox), u persuna waħda għamlitha ta' parrinu għal ħafna; kif ukoll in-numru kbir ta' saċerdoti li qagħdu parrini, billi dawn, minħabba ċ-ċelibat imponut fuqhom mill-Ordni Sagri, ma setgħux jaqgħu fi stat ta' relazzjoni inċestuża. Biżżejjed jingħad li ż-żebbuġi Don Federiku Attard, u li f'dan iż-żmien kien Kurat tal-parroċċa u wara l-kappillan tar-raħal (1570-1615), kien f'din l-okkażjoni parrinu għal mhux inqas minn 176 tifel u tifla![14]

X'libsu l-konfirmati għal din l-okkażjoni ma nafux; biss billi din kienet probabbli l-unika darba f'ħajjithom li kienu se jiltaqgħu mal-isqof tagħhom wiċċ imb wiċċ, għandna naħsbu li libsu l-aħjar ilbies li kellhom, imma differenti minn xulxin kemm minħabba l-età, is-sess, kif ukoll il-mezzi.[15] Ma nafux lanqas kemm kienu mgħallma sew fil-fidi Nisranija, imma nissoponu li issa li l-kandidati għall-Griżma kienu laħqu l-età tad-diskrezzjoni, kienu suppost imħarrġa sew – wara kollox, kull kappillan kien obbligat li fil-Ħdud u l-Festi tal-Preċett ilaqqa' t-tfal fil-knisja wara nofsinhar u jgħallimhom il-Pater Noster, l-Ave Maria, il-Kredu u tagħlim bażiku ieħor tal-fidi nisranija.[16] Lanqas il-kliem tal-konferiment tal-Griżma ma nafu; biss id-Delegat Appostoliku Dusina, fl-1575, jekk nissoponu li kien qed jimxi wara t-tradizzjoni tal-pajjiż, ordna li wara li l-konfirmat ikun indilek biż-żejt mill-Isqof, ġbinu kellu jiġi immedjatament mimsuħ b'tajjara, u faxxa mdawwra ma' rasu, li wara, din kellha tingħata lill-kappillan sabiex tinħaraq u l-irmied tagħha depożitat fis-*sacrarium*.[17]

**L-ismijiet**

Sabiex nagħrfu x-xejra tal-ismijiet mogħtija lit-tfal f'dawk iż-żminijiet, qed inniżżel hawn l-ismijiet tal-bniet u s-subien tal-konfirmati fl-ordni tal-ismijiet l-iżjed popolari lejn l-inqas.

Joanna (26 darba); Margarita (21); Paula (18); Agatha (14); Catharina (13); Angela (9); Petronella (9); Francesca (8); Marietta (7); Antonella (6); Maria (4); Domenica (3); Elizabetta (3); Vincenza (3); Agnesa (2); Barbara (2); Bartholomea (2); Imperia (2); Magdalena (2); darba biss: Andriana, Anna, Beatrice, Bernarda, Grazia, Gualiarda, Isabella, Lorenza u Vintura.

Giovanni (16); Mariano (13); Pietro (11); Antonio (9); Domenico (8); Salvu (8); Gioseppe (7); Francesco (6); Matteo (5); Nicola (5); Ġakbu (4); Lorenzo (4); Paolo (4); Vincenzo (4); Andrea (3); Georgio (3); Juliano (3); Leonardo (3); Marco (3); Michele (3); Simon (3); Thomas (3); Zaccharia (3); Bartholomeo (2); Bernardo (2); Blasio (2); Dionisio (2); Ġlormu (2); ĠanMartin (2); Martino (2); darba biss: Alfonso, Ambrosio, Angelo, Benedetto, Cesare, Dimitri, Gismondo, Gregorio, ĠanDumink, ĠanMattew, Luca, Ludovico, Manuel, Marciano, Pancratio, Sebastiano u Stephano.

**Xi rimarki li joħorġu mil-lista tal-1556**

Mis-sekwenza tal-lista, jidher li ma nżammet ebda ordni sabiex l-ewwel jersaq sess, imbagħad l-ieħor, iżda resqu quddiem l-isqof imħallta, ħafna drabi fi gruppi żgħar ta' subien jew bniet. Ebda parrina ma tidher; il-parrini kienu kollha maskili għaż-żewġ sessi.[18]

Fost il-konfirmati hemm erba' skjavi, tliet subien u tifla; fid-drawwa ta' dak iż-żmien, la għandhom kunjom u lanqas isem missierhom, iżda biss ta' min huma proprjetà.[19]

Hemm ukoll Margarita, bla kunjom, dikjarata bħala t-tifla adottata tal-Wisq Reverendu Monsinjur Isqof – parrinu Dun Federiku Attard.[20]

Miktuba b'id differenti minn tal-lista, hemm nota marġinali f'foljo 105v, li tagħti dettalji dwar Don Gioseppe Manduca, jiġifieri, li kien il-kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ mill-1547 u li miet nhar il-5 ta' Settembru 1565.

In-numru ta' bniet u subien huwa prattikament indaqs (165/164), iżda waqt li 28 isem differenti jinsabu mifruxa bejn dawn il-165 tifla, il-firxa fost is-subien kienet ta' 49.

Fl-aħħar nett – u tassew kurjuża – minkejja li l-knisja parrokkjali tagħna kienet sa minn żminijiet imbegħda ddedikata lil San Filippu ta' Agira, minn total ta' 486 ruħ fil-lista tal-Griżma tal-1556 – konfirmati, missirijiet u parrini – ħadd minnhom ma kellu l-isem ta' Filippu. Tul il-ħamsin sena ta' wara, qajla ngħata, għax mil-listi tal-Griżma ta' wara li għadhom jeżistu nsibu li fl-1579, minn 130 konfirmat, 2 biss kien jisimhom Filippu; fl-1598, minn 122 konfirmat, wieħed – skjav iswed; fl-1608, minn 649 konfirmat, 4 biss (f'din il-lista wkoll jidhru ħames missirijiet jisimhom Filippu); Filippa mkien.

**Referenzi**

1 Dwar l-assenza tal-isqfijiet, ara V. Borg, *M(elita) S(acra) 1*, 61-63; 68-69. Biss, fis-seklu XVI, nafu li l-isqof Bernardino Catagnano kien Malta f'Marzu 1517, u allura *seta'* wettaq konfirmazzjoni għalkemm m'għandna ebda dettalji. Miet Malta ħames xhur wara (*MS II*, 91-92).

2 Tant kienet meħtieġa l-preżenza tal-isqof, li fl-1499 l-Università ħasset il-ħtiega li tikteb lill-Viċi Re ta' Sqallija biex jobbliga lill-isqof iżur lil Malta tal-inqas darba fis-sena fil-Ġimgħa Mqaddsa sabiex

għallinqas jikkonsagra ż-Żjut; din it-talba tidher li waqgħet fuq widnejn torox (V. Borg, *MS 1,* p. 63).

[3] Ara d-diskors sabiħ tal-Papa Franġisku, *Is-Siġill tal-Ispirtu*, udjenza ġenerali tat-30 ta' Mejju 2018. http://www.laikos.org/Papa_Frangisku_Udjenza_30052018.htm (visited 14.iii.2020).

[4] ACM, *Misc. 165,* f. 127; G.F. Abela, *Della Descrittione di Malta,* 323.

[5] F'perjodu ta' 59 sena, jiġifieri bejn l-1556 u l-1615, is-sena li ntemm il-parrokat twil ta' Don Federico Attard, nafu b'seba' Griżmi f'Ħaż-Żebbuġ, imma mhux eskluż li hemm oħrajn li m'għandniex dokumentazzjoni tagħhom.

| Data | Isqof | Kappillan | Konfirmati | Subien | Bniet | Lista | Referenza |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10.v.1556 | Cubelles | G. Manduca | 329 | 164 | 165 | iva | A.P. ZBG., B1, ff. 103-107. |
| 14.iv.1579 | Gargallo | F. Attard | 130 | 55 | 75 | iva | A.P. ZBG., B1, ff. 108-112v. |
| 12.v.1588 | Gargallo | F. Attard | Mhux magħruf | - | - | le | V.P. 07, f. 26. |
| 19.vi.1594 | Gargallo | F. Attard | 206 | - | - | le | V.P. 06, f. 166. |
| 6.xii.1598 | Gargallo | F. Attard | 122 | 65 | 57 | iva | V.P, 07, f. 230; 243-245. |
| 5.vii.1608 | Gargallo | F. Attard | 649 | 321 | 328 | iva | V.P. 06, f. 411; 420-428v. |
| 15.xi.1615 | Cagliares | F. Attard | Mhux magħruf | - | - | le | V.P. 08, f. 207 |

[6] Nafu li l-isqof Cubelles, sa mill-bidu tal-ħatra tiegħu fl-episkopat, għamel diversi żjarat pastorali fil-parroċċi, imma d-dokumentazzjoni tagħhom ma nstabitx, iżda jeżistu referenzi għalihom (V. Borg, *MS II*, 99). L-ewwel rekord eżistenti ta' Żjara Pastorali tibda fl-1570.

[7] Figuri eżatti m'għandniex; biss fl-1575, il-Kappillan Attard stqarr quddiem Mons. Dusina li f'dik is-sena l-popolazzjoni tar-raħal kienet ta' 1,200 ruħ mifruxa f'260 dar (S. Fiorini, DSMH, IV/1, 236). Tassew li kienu għaddew medda ta' 20 sena, u li żgur kien sar ċaqliq kbir kemm minħabba l-assedju tal-1565 u l-bini tal-Belt Valletta, iżda madankollu, il-popolazzjoni ma setgħetx varjat ħafna. Ukoll it-titlu ta' *Villa* tindika lok b'numru żgħir ta' abitanti.

[8] Il-Konċilju ta' Trentu ma stabilixxiex l-età ta' meta tifel jew tifla għandha tirċievi l-Griżma. Fl-1575, Mons. Dusina amar li l-konfirmazzjoni għandha tingħata lil dawk li jkunu laħqu l-età tad-diskrezzjoni, iżda li l-età tagħhom m'għandhiex tkun inqas minn seba' snin (DSMH, IV/1, 313-314). Waqt studju komparattiv bejn l-ismijiet tal-konfirmati fl-1608 u r-reġistru tal-magħmudija, instab li f'din id-data tfal ta' seba' snin kienu qed jirċievu l-Griżma tal-Isqof. Eżempju fost oħrajn: Agathuccia Fenec, konfirmata fis-6 ta' Lulju 1608 (VP 06, f. 423); mgħammda fit-3 ta' Ottubru 1601 (PA ZBG, *BMCD,* f. 70v). F'din il-konfirmazzjoni, minħabba li kienet ilha ma ssir xi għaxar snin, insibu wkoll konfirmati ta' 17-il sena (eż., Bernarda Hagius, konfirmata fis-6 ta' Lulju 1608 (VP 06, f. 426); mgħammda fid-9 ta' Novembru 1591 (PA ZBG. *BMCD,* f. 53v). It-total ta' konfirmati fl-1608 jlaħħaq 649.

[9] P(arish) A(rchives) ZBG, *Jan. 1550 AD Oċt. 1615, B1.*

[10] Eż.: Joanni Grima ... Martino Dimech (B. 1, f. 103);
Gratia f(ilia) Mariani Vassallo ... Georgius Attardo (B. 1, f. 103).

[11] Eż.: Guagliarda moglie di Thomaso Gauchi ... Don Federico Attardo (B. 1, f. 104).

[12] Joseph Grech, *Parish Archives in Malta to 1800* (2017) MA dissertation internet source (p. 106).

[13] Għal dan il-għan, l-obbligu li jinżammu listi tal-parrini kemm tal-Magħmudija u kemm tal-Griżma ġie mġedded mill-Konċilju ta' Trentu f'Sessjoni XXIV, Cap. II. Ara wkoll l-amar ta' Dusina (DSMH, IV/1, pp. 313-314).

[14] Din il-lista tinkludi seba' qassisin li qagħdu parrinu. Fl-1575, Mons. Dusina pprojbixxa din id-drawwa ħlief f'każi ta' neċessità (DSMH, IV/1, p. 314).

[15] Ir-relazzjoni bejn il-Maltin u r-rgħajja spiritwali tagħhom kienet minn dejjem kbira, tant li ma jeżistix testment minn nofs is-seklu XV sas-seklu XVIII li testatur, bid-dritt ta' rikonoxximent (*jure recognitionis*), ma jħallix ammont ċkejken ta' flus lill-isqof, ammont ieħor lill-kappillan tal-parroċċa tiegħu u somma oħra lill-Komunità tal-Kleru li takkumpanjah fil-funeral tiegħu.

[16] Ara l-amar ta' Mons. Dusina (DSMH, IV/1, p. 311). Sfortunatament, dan l-obbligu ma tantx kien miżmum strettament. Ir-risposti tal-Kappillan Attard lil Mons. Dusina (*ibid*, 237), lill-isqof Gargallo (VP 07 (12.xii.1598) f. 90) u lill-isqof Cagliares (VP 08 (15.xi.1615) f. 220) rigward dan id-dover juri nuqqas kbir min-naħa tiegħu; mhux sorprendenti għalhekk ngħidu li r-riżultat ta' dan in-nuqqas ta' Tagħlim Nisrani kkontribwixxa għall-injoranza kbira fost il-poplu rigward ir-reliġjon tiegħu.

[17] DSMH, IV/1, 313-314.

[18] L-ewwel darba li niltaqgħu ma' parrini nisa hija fil-lista tal-Griżma tal-1579 – ħamsa minn fost 130.

[19] Eż.: Petro scavo di Petro Frendo ... Don Federico Attardo (f. 104).

[20] PA ZBG, B1, f. 106v.


**TWANNY SPITERI**
**FUNERALI**
4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.



*L-Ispejjeż tal-Knisja Mħallsa*
**24 hours services**
**DAY & NIGHT**
Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168




L-Arċipriet Fr Daniel Cardona, l-Kunsill Presbiterjali u l-Kunsill Pastorali jirringrazzjaw lis-Sur Carmelo Borg għas-servizz tant tajjeb li ta lill-Parroċċa tagħna bħala Sagristan, u jawgurawlu għall-futur.

Fl-istess waqt jawguraw il-ħidma t-tajba lis-Sinjuri Nathan Falzon u Josef Felice u li se jkunu qed jgħinu fil-knisja a bażi part-time. Inħeġġu lil min jista' joffri xi għajnuna volontarjament biex jingħaqad mal-grupp apposta, huma mitluba biex javviċinaw lill-Arċipriet.